MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 8/2010

**Anna Maria Cavallari**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Mejju, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru
>
> Ra l-appell
>
> Ra r-risposta
>
> Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti
>
> Ikkunsidera

> Una volta l-appellanti kienet imsiefra minn Malta ghal perjodu minnha ndikat - ghalkemm ma tghatx indikazzjoni meta ser tirritorna - ma tibqax tikkwalifika ghal dan il-beneficcju partikolari.
>
> L-appell qed jigi michud."

Bl-appell taghha minn din is-sentenza r-rikorrenti Anna Maria Cavallari tikkontrasta lill-Arbitru l-fatt illi huwa aderixxa mad-decizjoni tad-Direttur li rritenielha l-hlas ta' €80.60 mill-Ghajnuna ghall-Mard ghall-perijodu mit-8 ta' Novembru 2008 sal-5 ta' Dicembru 2008. L-oggezzjoni ta' l-appellanti hi artikolata minnha fis-sens illi l-fatt li f'dak il-perijodu hi kienet imsiefra l-Italja ghand bintha ma kienetx raguni sufficjenti biex hi tigi priva minn dak il-beneficcju. Hi tissottometti illi bhal kull cittadin iehor ta' l-Unjoni Ewropeja xorta wahda tibqa' intitolata ghal dak il-beneficcju anke jekk issiefer f'pajjiz iehor ta' l-istess Unjoni;

L-ewwel osservazzjoni li trid taghmel il-Qorti hi din. L-appellanti ma tirreferi ghall-ebda dritt komunitarju kapaci li jissufraga t-tezi taghha. Maghmula din l-osservazzjoni, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ili skond il-ligi Maltija, ex-Artikolu 92 (1) ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali, hu mahsub l-iskwalifikar mill-beneficju pprovdut ghal perijodu li matulu l-persuna beneficcjata tkun assenti minn Malta. Din hija r-regola generali fil-kaz ta' ghotjiet prevedenzjali ghall-Mard u ghall-Korriment. Ovvjament, il-provvediment succitat jahseb ukoll ghal certi rizervi fil-kaz ta' xi assenza bhal dik. *Inter alia*, fil-kaz ta' impjieg skond kif mahsub fil-paragrafu 2 tat-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda <u>jew</u> fil-kaz fejn il-beneficjarja tassentixxi ruhha ghal kura medika taghha nnifisha barra minn Malta;

Huwa bil-bosta evidenti minn dak stess sottomess mill-appellanti illi l-kaz taghha ma jirrientra fl-ebda wahda mill-ipotesijiet tar-rizervi surreferita. Hu difatti minnha nnifisha ddikjarat fl-esposizzjoni tal-fatti illi hi siefret l-Italja ghaliex bintha kellha bzonn tirrikovera ruhha fi sptar ghall-

operazzjoni. Isegwi minn dan illi l-htiega tas-safra ma kienetx ghal kura taghha personali;

Tradott dan li nghad fil-parametri ta' l-Artikolu 92 (1) tal-Kapitolu 318, ma jistax jinghad li d-decizjoni tad-Direttur, konfermata mill-Arbitru, kienet skorretta. Ukoll jekk l-appellanti ma siefretx ghal btala izda biex tippresta ghajnuna lil bintha ghal dak l-iskop, gjaladarba hi ma kienetx hekk indotta ssiefer ghal kura medika proprja jikkonsegwi illi hi ma kellhiex dritt ghall-hlas tal-beneficcju ghaz-zmien li fih kienet assenti. Ara ghal dak li jiswa l-osservazzjoni ta' din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet "**Violet Tesi -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", (Appell Numru 23/06) ippronunzjata fit-12 ta' April, 2007.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tirrespingi dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu, kif konswet, bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------